**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 24 – 1 ta' Diċembru 2009**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 24.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| Assenti: | Mario Borg | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda membru tal-pubbliku preżenti. | |

Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-kondoljanzi tiegħu lis-segretarju eżekuttiv u lill-familja tiegħu f' ismu u f' isem il-Kunsill Lokali għat-telfa tal-kuġin tiegħu. Is-segretarju rringrazzja lis-sindku u l-kunsilliera, kif ukoll dawk il-kunsilliera li attendew għall-funeral. Is-Sindku ppropona li tintqal talba għal ruħ il-kuġin tas-segretarju. Intqalet it-talba.

## 1. GĦOTI TENDER TIŻJIN TAL-MILIED

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hekk kif titlob il-liġi huwa sejjaħ laqgħa b' urġenza sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-għoti tat-tender taż-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku kompla jgħid li kienet tqassmet kopja tar-rapport preparat mill-kumitat tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders dwar dan it-tender lill-Kunsilliera (mehmuż mal-minuti). Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien

hemm offerta waħda ta' Lawrence Cassar ta' €8,000. Huwa talab għall-kummenti tal-kunsilliera.

1.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-prezz kien wieħed għoli speċjalment meta tqis li t-tiżjin ma kienx stock tal-kunsill. Il-Kunsillier Agius ippropona li jsiru disinji fuq perspex li jkunu mixgħula minn wara permezz ta' tubi. Huwa spjega li kien ra dan it-tip ta' tiżjin ġewwa Blackpool u l-Kunsill ikun l-ewwel wieħed ġo Malta li jagħmel użu minnhom.

1.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li l-prezz kien wieħed għoli, u fir-rapport kien hemm imniżżel li mat-tender kellu numru ta' affarijiet neqsin. Huwa qal li jekk ma jkunx hemm ksur ta' liġi, huwa ma kienx kuntrarju għall-għoti tat-tender. Il-Kunsillier George Cortis spjega li l-Kunsill preċedenti kien skwalifika tender ta' kuntrattur validu minħabba li dan kellu d-dokumenti meħtieġa neqsin.

1.4. Il-Kunsillier Ciantar qal li l-iktar li kien jinkwetah fir-rapport tal-kumitat kien il-paragrafu li jikkummenta dwar id-dokumenti neqsin mat-tender.

1.5. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li s-suġġeriment tal-Kunsillier Agius kien wieħed tajjeb, iżda wieħed kellu jagħmel l-affarijiet bil-kalma u bi pjan. Il-Kunsillier Rosario Cortis kompla jgħid li kien jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport fejn il-kunsill jingħata l-parir li jiġi negozjat il-prezz u jintalbu d-dokumenti neqsin.

1.6. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur dakinhar filgħodu kien preżenta t-third party insurance u bank draft. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li dan kien juri l-intenzjoni tal-kuntrattur li jagħmel compliance.

1.7. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal li minn naħa tiegħu kien jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat.

1.8. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar qal li huwa kien jaqbel mal-kummenti tal-kunsillier Rosario Cortis li l-Kunsill kellu jmur jinnegozja dwar il-prezz tat-tender u dak li jiġi ffrankat jista jintuża fuq affarijiet oħrajn. Is-segretarju ġibed l-attenzjoni li mill-figura kkwotata jridu jitnaqqsu 5% management fee.

1.9. Is-Sindku Alfred Grixti qal li anke hu kien jaħseb li l-prezz kwotat kien wieħed għoli u li kien hemm lok għal negozjar. Is-Sindku Alfred Grixti qara l-lista tal-armar mitlub. Kien hemm diskussjoni dwar jekk il-Kunsill għandux jitlob inqas armar jew le.

1.10. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun skużat. Huwa telaq fis-7.25pm.

1.11. Il-Kunsillier Cortis qal li l-Kunsill ma kellux inaqqas l-armar mitlub iżda jinnegozja fuq il-prezz.

1.12. Saret diskussjoni dwar il-prezz li għandu jintalab lill-kuntrattur. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt hekk kif indikat fir-rapport tal-kumitat tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders, huwa suġġett ta' tiġdid kull sena għal mhux aktar minn tlett snin mill-Kunsill.

1.13. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq din il-mozzjoni;

1) Fid-dawl li l-Kunsill ikkonsidra t-tender waħdanija li ġiet sottomessa saż-żmien stipulat, kif ukoll ikkonsidra r-rapport imħejji mill-kumitat tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders.

2) Il-Kunsill ħa nota tar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-msemmi kumitat, b' mod partikolari fejn issuġġerew li l-prezz ta' dan it-tender għandu jkunu negozjat biex jinġieb prezz aktar vantaġġjuż, liema prezz fl-opinjoni tal-Kunsill m' għandux jeċċedi l-€6,700 kollox inkluż.

3) Il-Kunsill b' mod immedjat jimxi ma din ir-rakkomandazzjoni u l-Viċi Sindku Domenic Cutajar u l-Kunsillier Emanuel Agius ġew maħtura mill-Kunsill sabiex flimkien mas-segretarju eżekuttiv jiltaqaw mal-kuntrattur nhar l-erbgħa 2 ta' Diċembru fil-5.30pm.

Il-Kunsillier Emanuel Agius issekonda din il-mozzjoni. Kien hemm qbil unanimu. (12).

1.14. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li l-Kunsilliera l-oħra jitħallew jattendu bħala osservaturi. Kien hemm qbil dwar dan.

1.15. Saret diskussjon fuq il-proposta tal-Kunsillier Emanuel Agius dwar backlit Christmas decorations. Il-Kunsillier Emanuel Agius ressaq mozzjoni sabiex isir żewġ tabelli minnhom fuq il-bejt tal-Kunsill, dejjem jekk il-prezz tagħhom jaqaw taħt il-limitu li jista japprova s-Sindku. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu dwar il-mozzjoni u l-Kunsillier Emanuel Agius intalab jaħdem fuq din l-inizjattiva. (13).

1.16. Is-Sindku Alfred Grixti talab sospensjoni tal-agenda sabiex ikun jista jressaq punt għad-diskussjoni.

1.17. Is-Sindku spjega li s-sena l-għaddiet il-kunsill ipparteċipa b' suċċess fl-organizzazjoni ta' parata relatata mal-Malta International Folk Festival. Huwa qal li din is-sena l-Kunsill ġie avviċinat mill-Kunsilli ta' Hal Tarxien u

l-Kalkara sabiex flimkien jerġaw jagħmlu dan il-festival bl-attivita ġewwa Ħaż-Żebbuġ issir fid-29 ta' Diċmebru 2009.

1.18. Għal dan il-għan saret applikazzjoni taħt l-iskema ta' fondi għal attivitajiet kulturali mnedija mill-gvern, iżda minn talba ta' madwar €10,000, dawn il-kunsilli ġew mogħtija €3,000 biss. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li tressqet proposta li sabiex isir xorta dan il-festival il-kunsilli jaħdmu b' sistema ta' ko-finanzjament fejn kull kunsill jiffinanzja €1,000 flimkien mal-€1,000 mogħtija mill-gvern.

1.18. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova l-finanzjament ta' €1,000 għal din l-inizjattiva u joffri bibita għal-parteċipanti. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Kien hemm qbil unanimu. (14)

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm.





Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv